IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.7.2022
COM(2022) 333 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

fir-rigward ta' "Impenji dwar il-Fiduċja fl-Istatistika" mill-Istati Membri kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

fir-rigward ta' "Impenji dwar il-Fiduċja fl-Istatistika" mill-Istati Membri kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009

1. INTRODUZZJONI

1.1. Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea

Dan huwa t-tielet rapport imfassal mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) li jistabbilixxi li:

"L-Impenji mill-Istati Membri għandhom jiġu mmonitorjati b'mod regolari mill-Kummissjoni abbażi ta' rapporti annwali mibgħuta mill-Istati Membri u għandhom jiġu aġġornati kif meħtieġ.

...

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Impenji ppubblikati u, fejn xieraq, ir-rapporti ta' progress, sad-9 ta' Ġunju 2018 u kull sentejn wara dan."

L-ewwel rapport kien ippubblikat fl-2018[2] u t-tieni wieħed fl-2020[3].

1.2. Impenn dwar il-Fiduċja fl-Istatistika

Il-kunċett ta' Impenn dwar il-Fiduċja fl-Istatistika ("Impenn") beda bl-għan li jtejjeb il-qafas ta' kwalità għall-istatistika. Ġie deskritt għall-ewwel darba f'Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fl-2011[4]. Il-kunċett huwa mezz biex il-gvernijiet nazzjonali jiġu involuti fir-responsabbiltà għal-livell tal-konformità ta' pajjiż mal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea ("Il-Kodiċi")[5].

Il-Kodiċi jistabbilixxi l-istandard għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għat-tixrid tal-istatistika Ewropea. Huwa bbażat fuq 16-il prinċipju dwar l-ambjent istituzzjonali, il-proċessi statistiċi u r-riżultati. Għandu l-għan li jiżgura li l-istatistika Ewropea ma tkunx biss rilevanti, f'waqtha u akkurata, iżda wkoll konformi mal-prinċipji tal-indipendenza professjonali, l-imparzjalità u l-oġġettività. L-Impenn jistabbilixxi rabta bejn il-Kodiċi u gvern ta' Stat Membru, li qabel kienet nieqsa.

Skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-Impenn huwa strument li "għandu jkoll[u] l-għan ulterjuri li jiżgur[a] l-fiduċja pubblika fl-Istatistika Ewropea u l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji statistiċi li jinsabu fil-Kodiċi ta' Prattika", li jeħtieġ li jiġi adottat kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni.

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

2 COM (2018) 516 final: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1574866259293&uri=CELEX:52018DC0516

3 COM(2020) 278 final: EUR-Lex - 52020DC0278 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

4 COM (2011) 211.

5 Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea - edizzjoni riveduta tal-2017

Il-Premessa 17 tar-Regolament emendatorju (UE) Nru 2015/759[6] tiddikjara wkoll li l-Impenn "għand[u] jinklud[i] impenji speċifiċi mill-gvern ta' dak l-Istat Membru biex itejjeb jew iżomm il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika".

1.3. Rieżamijiet bejn il-pari tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS)

Il-Eurostat u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri kollha u tal-pajjiżi tal-EFTA jiffurmaw sħubija biex jipproduċu l-istatistika Ewropea msejħa s-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS). Sabiex jiggarantixxu l-kwalità tal-istatistika tagħhom, il-membri tal-ESS ħolqu qafas ta' kwalità komuni bil-Kodiċi bħala l-pedament tiegħu. Minbarra l-Impenji, ir-rieżamijiet bejn il-pari tal-ESS, li jitwettqu minn żmien għal żmien biex tiġi vvalutata l-konformità tal-membri mal-Kodiċi, huma strument importanti biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-qafas komuni ta' kwalità u b'hekk il-kwalità tal-istatistika Ewropea.

Ir-rieżamijiet bejn il-pari tal-ESS jitwettqu regolarment, u jinvolvu awtovalutazzjonijiet, żjarat f'pajjiżi u rapport ta' rieżami bejn il-pari għal kull pajjiż rieżaminat li jkun fih rakkomandazzjonijiet għal titjib, li jiġu segwiti permezz ta' azzjonijiet ta' titjib u l-monitoraġġ annwali tagħhom mill-Eurostat. Saru żewġ ċikli preċedenti ta' rieżamijiet bejn il-pari, mill-2006 sal-2008 u mill-2013 sal-2015. It-tielet ċiklu attwali se jdum mill-2021 sal-2023.

2. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-IMPENJI DWAR IL-FIDUĊJA U R-RAPPORTI TAL-PAJJIŻI

2.1. Dispożizzjonijiet ġenerali

Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-Istati Membri jridu jistabbilixxu u jippubblikaw Impenn, jew għallinqas jibagħtu lill-Kummissjoni u jippubblikaw rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi u l-isforzi li saru biex jiġi stabbilit Impenn.

Il-Kummissjoni timmonitorja l-Impenji regolarment, abbażi tar-rapporti annwali mibgħuta mill-Istati Membri.

2.2. Għamla tal-Impenn

Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 ma jistabbilixxix regoli dwar il-forma li għandu jieħu l-Impenn. Madankollu, l-Impenji jridu jinkludu impenji speċifiċi ta' politika u jridu jiġu ppreżentati u abbozzati b'tali mod li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet ix-xierqa għal statistika ta' kwalità għolja.

L-Istati Membri li jqisu ċerti partijiet tal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom bħala li jikkostitwixxu l-Impenn ġeneralment jirreferu għad-dispożizzjonijiet legali speċifiċi li huma rilevanti għat-titjib jew għaż-żamma tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi u jirrapportaw dwar l-iżviluppi riċenti. L-Istati Membri li stabbilew Impenji awtonomi nnotifikaw lill-Kummissjoni bihom u għamlu l-Impenji pubbliċi.

It-Taqsima 2.2.1. ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-Impenji eżistenti li għalihom ġew irrapportati żviluppi sinifikanti matul l-2020 u l-2021:

2.2.1. Liġijiet nazzjonali li jikkostitwixxu l-Impenn

Il-Kroazja: L-Att il-ġdid dwar l-Istatistika Uffiċjali daħal fis-seħħ f'Marzu 2020[7]. Dan jagħti lill-Uffiċċju tal-Istatistika Kroat l-indipendenza professjonali u l-appoġġ li jeħtieġ biex iżomm u jtejjeb il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi.

[6] Ir-Regolament (UE) 2015/759 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 90).

Id-dispożizzjonijiet dwar il-ħatra u t-tkeċċija tad-Direttur Ġenerali ttejbu, u tfasslu dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fi ħdan is-sistema tal-istatistika u bażi ġdida ta' finanzjament. Ġie rrapportat progress sinifikanti fit-tħejjija tal-Impenn awtonomu ppjanat.

Iċ-Ċekja: L-Impenn ġie ppubblikat fit-28 ta' Frar 2018[8]. Fl-2020 u l-2021, il-gvern kompla jirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tal-indipendenza professjonali tal-Uffiċċju tal-Istatistika Ċek, li min-naħa tiegħu ppromwova b'mod attiv il-prinċipji tal-indipendenza professjonali u aġixxa f'konformità magħhom.

Id-Danimarka: Fl-2020 u l-2021, l-Istatistiku Nazzjonali ħejja linji gwida obbligatorji ġodda dwar il-kwalità bbażati fuq il-Kodiċi li jinkludu l-monitoraġġ u r-rapportar lill-gvern u jiffurmaw il-bażi ta' proċedura ta' infurzar nazzjonali.

Il-Finlandja: L-att nazzjonali rilevanti dwar l-istatistika qiegħed jiġi rivedut u se jiġi ppreżentat lill-Parlament matul l-2022.

Franza: Il-proċess biex l-indipendenza professjonali tal-istatistika tiġi mnaqqxa fil-liġi għamel progress tajjeb. Il-Ministeru għall-Kultura diġà emenda d-digriet skont dan. Dwar l-adegwatezza tar-riżorsi, ġie ffirmat kuntratt ta' diversi snin, li jipprovdi assigurazzjoni li l-objettivi jintlaħqu u li tittejjeb il-ġestjoni interna. Iż-żjara ta' rieżami bejn il-pari tal-ESS diġà saret fl-2021[9].

L-Italja: Iż-żjara ta' rieżami bejn il-pari tal-ESS se ssir lejn l-aħħar tal-2022. Fl-2020 u l-2021, il-politika dwar il-kwalità tal-istitut tal-istatistika ġiet aġġornata, il-kumitat tal-kwalità ġie kkostitwit mill-ġdid u t-tieni edizzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Taljana ġiet approvata. Komplew l-isforzi fit-tħejjija ta' Impenn "awtonomu".

In-Netherlands: Ittieħdu ħafna passi fl-2020 u fl-2021 biex tittejjeb il-konformità mal-Kodiċi. Pereżempju, fl-2020, l-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Netherlands ħareġ strateġija ġdida dwar ir-riżorsi umani għall-2020-2025 u kiseb diversi ċertifikazzjonijiet tal-ISO.

Spanja: L-Impenn huwa implimentat bħala parti mill-Pjan Nazzjonali tal-Istatistika tal-2021-2024 u l-programmi annwali sussegwenti. Sit web speċifiku ospitat mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika jinkludi taqsira tal-Impenn għall-pubbliku, b'links għall-pjanijiet pluriennali u l-programmi annwali kollha mill-2016 'l hawn[10].

Is-Slovakkja: L-"Att dwar l-Istatistika tal-Istat"[11] jikkostitwixxi l-Impenn. Fl-2021 ġie emendat biex jiġi ċċarat dan u biex jiġu implimentati l-prinċipji tal-Kodiċi.

Stati Membri oħra li jqisu li l-Impenn huwa kkostitwit mid-dritt nazzjonali li ma rrapportaw l-ebda bidla kbira fl-aħħar sentejn jinkludu: **l-Awstrija, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Polonja u l-Portugall**.

2.2.2. Impenji awtonomi

Il-Bulgarija:

---

7 Il-Gazzetta Uffiċjali Nru 25/20

8 https://www.czso.cz/csu/czso/commitment-on-confidence-in-statistics-in-the-czech-republic

9 Dokument disponibbli fuq: europa.eu

10 INE - MetodologiaYEstandares - Inizjattivi għall-promozzjoni u l-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea

11 L-Artikolu Nru 540/2001

L-uniku Impenn awtonomu ġdid mill-aħħar rapport ġie adottat mill-gvern Bulgaru f'Diċembru 2021[12]. Jiddikjara li s-sistema nazzjonali tal-istatistika tikkonforma mal-prinċipji tal-Kodiċi, jiggarantixxi l-indipendenza tal-istatistika uffiċjali u jesprimi l-impenn tal-gvern favur il-kwalità tad-*data* statistika prodotta mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika, li se jżid il-kredibbiltà tal-istatistika Bulgara.

Impenji awtonomi deskritti f'rapporti preċedenti:

Il-Greċja: L-Impenn[13] ġie ffirmat fl-2012.

L-Iżvezja: L-Impenn[14] ġie ppreżentat fl-abbozz ta' liġi tal-baġit tal-gvern għall-2017.

Is-Slovenja: Il-gvern adotta l-Impenn[15] fl-2017.

L-Irlanda: Il-gvern adotta l-Impenn[16] fl-2017.

Il-Belġju: L-Impenn[17] ġie ppubblikat fl-2017.

Ir-Rumanija: Il-gvern adotta l-Impenn[18] fl-2017. Ir-Rumanija rrapportat li fl-2020 u fl-2021 ħadet aktar passi biex tiżgura l-indipendenza tal-istitut tal-istatistika, talloka riżorsi adegwati, u introduċiet politiki u metodoloġiji ġodda dwar id-diġitalizzazzjoni, il-protezzjoni tad-*data* u l-użu aħjar tad-*data* amministrattiva.

Malta: L-Impenn**[19]** ġie ffirmat fl-2018.

Ċipru: L-Impenn ġie ffirmat fl-2018 u ġie ppubblikat[20] flimkien ma' taqsira għall-pubbliku. Ċipru rrapporta li wara reviżjoni tal-liġi nazzjonali dwar l-istatistika fl-2021, hija ppjanata reviżjoni tal-impenn.

Il-pajjiżi taż-ŻEE, tal-EFTA u l-Pajjiżi Kandidati:

L-Iżlanda, li tipparteċipa fl-ESS fil-kapaċità tagħha bħala pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), ukoll stabbiliet Impenn "awtonomu"[21]. L-Iżvizzera, li tipparteċipa fl-ESS fuq bażi bilaterali, irrapportat fid-dettall dwar il-miżuri nazzjonali li jiggarantixxu l-konformità mal-Kodiċi. Bħalissa, qiegħed jiġi ċċarat ukoll kif jista' jiġi prodott Impenn formali. Tliet pajjiżi tal-Balkani tal-Punent adottaw formalment Impenji: l-Albanija fl-2017, il-Montenegro

12 https://nsi.bg/en/content/19201/basic-page/commitment-confidence-statistics

13 https://www.statistics.gr/documents/20181/c5b9264e-815e-4f74-9955-467d14cad474 (Disponibbli biss bl-Ingliż).

14 https://www.scb.se/contentassets/bbe78b2a144143c7955b165f76fb4d52/regeringens-atagande-om-att-skapa-fortroende-for-statistiken.pdf u https://www.scb.se/om-scb/samordning-av-europeisk-statistik-i-sverige/regeringens-atagande-om-att-skapa-fortroende-for-statistiken/ (Disponibbli biss bl-Iżvediż). Ara wkoll il-paġni 28 u 29 tar-Rapport Annwali 2017 dwar l-Istatistika Uffiċjali tal-Iżvezja http://www.scb.se/contentassets/fd60f41a3abc4d2c8a791e425357ba5b/ov9999_2017a01_br_x43br1802.pdf **(**Deskrizzjoni tal-impenn bl-Ingliż**).**

15 http://www.stat.si/StatWeb/en/News/Index/6458 (Disponibbli biss bl-Ingliż u bis-Sloven).

16 http://cso.ie/en/media/csoie/aboutus/documents/CoCS.pdf (Disponibbli biss bl-Ingliż).

17 https://statbel.fgov.be/en/about-statbel/quality/commitment-confidence (Disponibbli biss bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bin-Netherlandiż).

18 https://insse.ro/cms/files/eurostat/angajament_de_sprijinirea_credibilitatii_statisticii_oficiale_nationale.pdf (Disponibbli biss bir-Rumen).

19 https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Commitment-on-Confidence.aspx u https://msa.gov.mt/en/public_information/Pages/Commitment-on-Confidence.aspx (Disponibbli biss bl-Ingliż).

20 Impenn dwar il-Fiduċja fl-Istatistika (cystat.gov.cy)

21 https://www.stjornartidindi.is/Advert.aspx?RecordID=de627e49-2146-45cb-b1eb-969072b8deac

fl-2018 u l-Maċedonja ta' Fuq fl-2018.

3. KONKLUŻJONI

Huwa ċar li l-istabbiliment tal-Impenji kellu l-effett mixtieq li jimpenja lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jaderixxu mal-Kodiċi u rriżulta f'fiduċja pubblika msaħħa fl-istatistika uffiċjali madwar l-UE u fiż-Żona Ekonomika Ewropea u fil-pajjiżi ġirien. Il-gvernijiet għamlu titjib sinifikanti fil-leġiżlazzjoni statistika tagħhom u ħarġu pubblikament l-Impenji tagħhom biex jiggarantixxu li l-prinċipji tal-Kodiċi jiġu rrispettati.

Għadd dejjem akbar ta' pajjiżi stabbilew Impenji awtonomi jew jinsabu fil-proċess li jagħmlu dan, għalkemm il-maġġoranza għadhom iqisu li l-Impenn huwa inerenti fil-leġiżlazzjoni statistika tagħhom. Huwa ċar li l-proċess ta' tħejjija jieħu ż-żmien, b'mod partikolari minħabba l-ħtieġa ta' deċiżjoni politika.

It-tielet ċiklu attwali ta' rieżamijiet bejn il-pari tal-ESS, li għandu jitwettaq sal-2023, bħalissa huwa l-aktar azzjoni importanti biex tiġi appoġġjata l-konformità mal-Kodiċi u biex tintwera l-kwalità għolja tal-istatistika Ewropea kif ukoll biex jiġi identifikat aktar titjib. Il-mekkaniżmu ta' rieżami bejn il-pari tal-ESS jista' jitqies bħala pilastru ieħor ta' appoġġ għall-Impenji, peress li jevalwa perjodikament l-awtoimpenn mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika biex jaderixxu mal-Kodiċi. Minħabba r-rabta qawwija bejn iż-żewġ proċessi, jistgħu jkunu mistennija żviluppi għall-Impenji fiċ-ċiklu attwali ta' rieżamijiet bejn il-pari, u r-rapportar x'aktarx li jerġa' jkun marbut.

B'mod ġenerali, huwa ċar li l-għarfien dwar l-importanza li tiġi żgurata l-fiduċja pubblika fl-istatistika Ewropea permezz ta' konformità aħjar mal-prinċipji tal-Kodiċi huwa għoli fost il-gvernijiet kif ukoll fost l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika madwar l-UE. Jidher ukoll li l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi qed jittejbu kontinwament.